# Werrej


Il-Pipa tan-Nannu Ċens ................................ 1

Is-Senter ................................................... 13

Midalji ...................................................... 22

Fniek tal-Indi ........................................... 31

L-Isbaħ Presepju ....................................... 39

*Caro Giovanni* .......................................... 49

Il-Ħamsa u Sittin ........................................ 59

Kanzunetti Pop .......................................... 68

L-Ewwel ta' April ....................................... 79

Libsa Vjola ................................................. 85

In-Nannu Jirrakkonta ................................. 93

Irjus Sħan .................................................. 99

# Il-Pipa tan-Nannu Ċens

Hekk kif tidħol ġol-kamra ma kont tilmaħ xejn ħlief gazzetta daqsiex miftuħa beraħ quddiemek: gazzetta kbira Ingliża minn dawk tal-karta fina u t-tipi rqaq, jidhru biss minn warajha s-saqajn twal tan-nannu biż-żarbun illustrat u subgħajh nexfin fuq kull naħa tal-gazzetta, iħaxwxu, iteftfu u jqallbu l-folji. Mill-bqija kollox skiet u ħemda. Kultant, minn wara l-gazzetta, titla' daħna kaħla għoqod għoqod, togħla 'l fuq u tintilef fix-xejn.

Meta jaslulu minn barra l-gazzetti Ingliżi, in-nannu kien jintilef fis-seba' sema. Ara jfettillek tkellmu, jew tgħaddi tagħmel l-istorbju qrib tiegħu, jew issaffar, jew issabbat xi bieb! Dak il-ħin in-nannu jkun fis-sakra. Bin-nuċċali tal-qari marsus ġol-ħofra ta' mnieħru, in-nannu ma kien jaħrablu xejn. Jaqra mill-inqas avviż sal-iċken reklam. Kollox kien jinteressah. Jaqra u jdaħħan kien iqattagħlek sigħat sħaħ.

Dil-biċċa tax-xogħol, kienet isseħħ, tista' tgħid, kull nhar ta' Ħamis. It-tfal kienu draw ixommu r-riħa tal-pipa malli jaslu mill-iskola. Dik ir-riħa tqila mifruxa mad-dar kollha kienet tfisser li n-nannu Ċens kien f'kamartu jixtarr

u jgħarbel il-qagħda tad-dinja. U dakinhar, minflok jitilgħu jkellmuh bħas-soltu, it-tfal kienu jmorru fil-kċina bil-kwiet, fejn ommhom tkun ġa lestitilhom it-te bil-ħobż mixwi.

"Il-pipa tan-nannu tinxtamm minn fuq l-għatba," qalet Marisa waqt li telqet il-basket tal-iskola fuq siġġu. "Kemm tinten!!"

"Mank ipejjep is-sigaretti," kompla ħuha. "Dawk, għall-anqas, ma jintnux daqshekk."

"Aħjar tfittxu tixorbu dak it-te," qabżet tgħidilhom ommhom. U t-tfal meddew idejhom jixorbu t-te, iqarmċu l-ħobż u jgergru baxx baxx kontra t-tabakk tad-dinja kollha.

F'kamartu, in-nannu Ċens kien qed ifarfar l-irmied tal-pipa ġol-*ashtray* u jmattar saqajh. Il-ħin tal-qari kien intemm. Neża' n-nuċċali, tewa l-gazzetta pulita, rass l-għoqda tal-ingravata u niżel 'l isfel biex ixappap griżmejh b'kikkra te huwa wkoll. Issa n-nannu kien iħoss ruħu qisu bniedem ġdid. Issa, li qara dawk l-aħbarijiet kollha, għandu ħafna fuq xiex jitkellem waqt l-ikel, u xi jgħid lil sħabu meta jiltaqa' magħhom il-pjazza jew il-Belt.

"Il-gazzetti ta' barra jkun fihom minn kollox," kien jiftaħar in-nannu Ċens ma' kulħadd. "Mhux bħal ta' Malta. Hawn qatt ma jiġri xejn. U la qatt tisma' bi ġlied u gwerer; qatt ma jiġri xejn. Qisna minsijin!"

U erħilu jirrakkonta għal elf darba kulma jkun qara. U m'għandniex xi ngħidu, ma' dak li jkun qara n-nannu dejjem kien iżid l-ideat tiegħu; x'jaħseb li messu sar u x'aktarx se jiġri issa. Imma n-nannu kellu ħabta jirrakkonta u kulħadd



kien jieħu gost jisimgħu. Sa anki Irene kienet twaqqaf widnejha bla ma tħalli 'l ħadd jinduna. Irene kienet il-kbira. Kienet ġa għalqet is-sittax-il sena, u għalkemm kienet waslet għall-eżamijiet tal-aħħar, moħħha kien aktar fid-diski, fil-*make-up*, fl-ilbies, fid-*dances* u fil-ġuvintur. X'aktarx li hi u ħutha ż-żgħar kienu dejjem jiġġieldu. Tony kien iħobb jinkiha u malli jsir jaf b'xi sigriet tagħha erħilu jxandru ma' kulħadd. Marisa, iż-żgħira, kienet meqjusa bħala l-fessuda, iżda fis-sew kienet l-aktar waħda bil-għaqal minnhom ilkoll. Għad li kellha biss għaxar snin kienet sikwit tgħin lil ommha fix-xogħol kollu tad-dar. Iżda b'dan kollu lanqas ma kienet ġwejda. Hi u Tony dejjem ras imb ras jiftiehmu fuq xi praspura.

Dakinhar, waqt li lkoll kienu miġburin jagħmlu l-*homework* u n-nannu Ċens kien il-knisja għall-quddiesa ta' flgħaxija, il-kliem reġa' waqa' fuq l-imbierka pipa tan-nannu.

"Kollu għalxejn Ton," qabżet tgħidlu Marisa. "Man-nannu m'hemmx ċajt. Insejt kemm-il darba ħbejnihielu? Dejjem irnexxielu jsibha. Għandu jkun dik il-pipa tibqa' tinxtamm tkun fejn tkun!"

"Imma did-darba fi ħsiebni naħbihielu f'post li żgur ma jsibhiex," weġibha Tony. Irene semgħethom jitkellmu u minnufih qabżet fin-nofs:

"U billi taħbuhielu … ma jafx jixtri oħra jekk jibqa' ma jsibhiex?"

"Le, ma jixtrix oħra," qalilha minnufih Tony. "Dik il-pipa għal qalbu ħafna. Jgħid li kienu tawhielu rigal meta telaq

minn Lixandra. Jekk ma jsibhiex żgur ma jpejjipx aktar."

"U neħilsu minn dik ir-riħa tinten," għajtet Marisa tidħak kemm tiflaħ.

"Taf li anki meta mmur l-iskola nibqa' nxomm il-pitazzi riħa ta' tabakk!" qal Tony. U reġgħu nfaqgħu jidħku.

"Allura fejn se taħbihielu?" daret tistaqsi Irene, għax hi wkoll xtaqet li l-pjan ta' Tony jirnexxi. Dik ir-riħa tinten hi wkoll ma kenitx tista' għaliha.

"Did-darba ħsibtha sewwa," beda jgħidilhom Tony waqt li baxxa leħnu qisu se jgħid xi sigriet kbir. "Naħbiha fil-basket tiegħi u neħodha l-iskola miegħi kuljum. Ingeżwirha sewwa ġo ħafna boroż u karti biex ma tinxtammx u naħbiha fil-qiegħ nett. Jista' jfittixha kemm irid in-nannu Ċens!"

"Prosit Tony, m'hawnx għalik," qamet tgħajjat u tfaqqa' jdejha Marisa. "Did-darba żgur ma jsibhiex." U minnufih Marisa għamlet wiċċ serju, telgħet bilwieqfa fuq is-siġġu u b'leħen sod bdiet tgħidilhom:

"Ifirħu, o bnedmin, għax illum hija l-aħħar darba li xammejtu r-riħa tinten tal-pipa tan-nannu Ċens. Minn għada stess il-pipa tan-nannu se tisparixxi: R.I.P."

U għal dal-kelmtejn ta' Marisa anki Irene ma felħitx iżżomm id-daħk.

"Ħaffef, Maris," qabeż jgħidilha ħuha. "Imxi fil-kamra tan-nannu ħa neħduha kif mhux hawn."

Tony u Marisa telqu jaqbżu 'l fuq, waqt li Irene baqgħet isfel titbissem u tittama li l-biċċa tirnexxi.

◆ ◆ ◆

Tony kien imur l-iskola sekondarja fl-istess raħal tagħhom. Għalkemm ħmar ma kienx, lanqas ma kien mill-bravi nett. L-għalliema kienu dejjem jgħidulu li jekk jistudja ftit iżjed jiġi minn ta' quddiem aktar. Imma Tony kien dejjem moħħu fil-logħob, u biex tagħqad, fil-klassi kellu nofs tużżana ħbieb moħħ ir-riħ aktar minnu.

L-għada, wara li daħlu lura fil-klassi mir-rikreazzjoni, John Farrugia qal li xi ħadd ħadlu l-arloġġ. Kien neżgħu u ħallieh taħt il-bank biex ikun jista' jilgħab il-ballun, iżda meta mar ifittxu ma sabux. L-għalliem infixel; staqsa lit-tfal kollha jekk xi ħadd kienx messu biċ-ċajt, u meta ra li ħadd ma tkellem bagħat għas-Surmast. Dan ġie minnufih. Kien surmast żagħżugħ, mill-istess raħal ta' Tony, u għalkemm it-tfal kienu kollha jħobbuh kienu jibżgħu minnu wkoll.

"Ma ġara xejn," qalilhom is-Surmast malli sema' bil-biċċa. "Kulħadd joħroġ il-kotba u l-pitazzi kollha fuq il-bank."

U bla telf ta' żmien, l-għalliem u s-Surmast bdew iduru tifel tifel, ifittxulu sewwa ġol-basket, taħt il-bank u jġegħluh ukoll ibattal il-bwiet.

Tony ħass qalbu tħabbat sitta sitta, mhux minħabba l-arloġġ ta' John, imma minħabba l-pipa tan-nannu Ċens.

"Iftaħ dawk il-karti," qallu s-Surmast malli wasal ħdejn il-bank tiegħu.

"Le … Sir … m'għandi xejn hemm!" qallu jtemtem Tony.

"Iftaħhom!" reġa' qallu s-Surmast b'leħen ogħla. Tony fetaħhom waħda waħda, sitt karti b'kollox, u malli fetaħ